REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 368/2014

tal-10 ta' April 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operat fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([3]) stabbilixxa l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni, kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-EASA) għaddew informazzjoni lill-Kummissjoni li hi rilevanti fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista Komunitarja. L-informazzjoni rilevanti baġħtuha wkoll il-pajjiżi terzi. Il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata skont din l-informazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni għarrfet lil kull trasportatur tal-ajru kkonċernat direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsawru l-bażi ta' deċiżjoni li skonthom timponi projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni jew tibdel il-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni tal-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru imniżżel fil-lista Komunitarja.

(4) Lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati l-Kummissjoni tathom l-opportunità li jikkonsultaw id-dokumenti li ressqu l-Istati Membri, biex jagħtu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru") ([4]).

(5) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tiegħu (KE) Nru 473/2006 ([5]), mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-istati tal-Ġeorgja, tar-Repubblika ta' Ginea, l-Indja, l-Indoneżja, il-Kazakistan, il-Libanu, il-Madagaskar, ir-Repubblika Islamika tal-Mawritanja, il-Możambik, in-Nepal, il-Filippini, is-Sudan, ir-Renju ta' Sważiland, il-Jemen u ż-Żambja. Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva wkoll informazzjoni mingħand il-Kummissjoni dwar l-Afganistan, l-Iran u l-Kirgiżistan. Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva wkoll aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar konsultazzjonijiet tekniċi mal-Federazzjoni Russa u dwar il-monitoraġġ tal-Libja.

(6) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti ta' verifika li għamlet l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (l-ICAO) fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika tas-Sorveljanza (l-USOAP). L-Istati Membri ntalbu jagħtu prijorità lill-ispezzjonijiet fir-rampa tat-

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4).
([5]) Commission Regulation (EC) No 473/2006 of 22 March 2006 laying down implementing rules for the Community list of air carriers which are subject to an operating ban within the Community referred to in Chapter II of Regulation (EC) No 2111/2005 of the European Parliament and of the Council (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja mill-istati li fil-każ tagħhom l-ICAO tkun identifikat Kwistjonijiet Sinifikanti dwar is-Sikurezza (SSCs) jew li fil-każ tagħhom l-EASA tkun ikkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza. Minbarra l-konsultazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa se tkun tista' tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru li huma liċenzjati f'dawk l-istati.

(7) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi ta' spezzjonijiet fir-rampa li saru fil-Programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin (is-SAFA) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([1]).

(8) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li twettqu fi stati milquta b'miżuri jew monitoraġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Il-Kumitat ġie infurmat bil-pjanijiet tal-EASA u bit-talbiet għal aktar assitenza teknika u koperazzjoni biex jitjiebu l-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-għan li jissolvew nuqqasijiet ta' konformità ma' standards internazzjonali applikabbli. L-Istati Membri ntalbu wkoll iwieġbu dawn it-talbiet fuq bażi bilaterali f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA. Dwar dan, il-Kummissjoni saħqet is-siwi li tingħata informazzjoni lill-komunità tal-avjazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari mill-bażi tad-dejta SCAN tal-ICAO, dwar l-assistenza teknika li jagħtu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex titjieb is-sikurezza tal-avjazzjoni madwar id-dinja.

(9) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' wkoll preżentazzjoni tal-ICAO dwar il-ħidma li qed tagħmel fejn jidħol il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-Istati Membri tagħha, inkluż bil-programm USOAP tal-ICAO, li wriet ukoll l-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni li nħolqu f'dan il-qafas. B'referenza għar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea A38-5 ("Koperazzjoni reġjonali u assistenza biex jissolvew in-nuqqasijiet fis-sikurezza, jinstabu prijoritajiet u jitfasslu miri li jistgħu jitkejlu"), l-ICAO sejħet lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru biex sakemm possibbli tkun evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u l-programm USOAP tal-ICAO, u ħeġġet li tissokta l-kollaborazzjoni, li eventwalment jaf twassal għal reviżjoni tal-mandat tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

(10) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' wkoll preżentazzjoni tal-Eurocontrol li taġġorna dwar il-qagħda tal-funzjoni ta' twissija tas-SAFA. Apparti l-istatistika għall-messaġġi ta' twissija għar-trasportaturi pprojbiti, l-Organizzazzjoni Eurocontrol ffukat fuq l-importanza ta' pjan tat-titjira depożitat sew fir-rigward tat-twissija tas-SAFA. Ittieħdu l-ewwel azzjonijiet biex titjieb il-kwalità tal-pjan tat-titjira depożitat. Qed jitħejjew aktar passi id f'id mill-qrib mal-Kummissjoni ħalli tibqa' dejjem titjieb il-funzjoni ta' notifika u twissija.

It-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni

(11) Wara l-analiżi li għamlet l-EASA tat-tagħrif li ħareġ minn spezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA li saru fuq inġenji tal-ajru ta' ċertu trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jew minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li għamlet l-EASA, kif ukoll minn spezzjonijiet u verifiki speċifiċi li għamlu l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, bosta Stati Membri ħadu ċertu miżuri ta' infurzar u għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar dawk il-miżuri. Rigward it-trasportatur tal-ajru *Bingo Airways*, il-Polonja informat li qed tivverifika l-implimentazzjoni proprja tal-pjan ta' azzjoni korrettiva min-naħa tat-trasportatur tal-ajru, u li kienet żiedet l-ispezzjonijiet. Rigward it-trasportatur tal-ajru *Sonnig*, l-Isvizzera informat li nbdiet proċedura ta' revoka kontra *Sonnig*, wara li t-trasportatur tal-ajru rrinunzja ċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru (AOC) u l-liċenzja tal-operat tiegħu.

(12) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ma' standards xierqa tas-sikurezza, l-Istati Membri saħqu li huma lesti jaġixxu kif meħtieġ.

It-Trasportaturi tal-ajru mill-Ġeorġja

(13) Minħabba s-sejbiet li ħarġu mill-Verifika Komprensiva tas-Sistema (is-CSA) tal-ICAO fil-Ġeorġja f'Ottubru 2013, l-ICAO għarrfet lil kull Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Chicago b'SSC wieħed relatat mal-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

(14) Wara li qieset din in-notifika, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ġeorġja (il-GCAA) biex tkun taf fid-dettall dwar x'azzjonijiet kienet ħadet il-Ġeorġja biex tindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza li ħarġu mill-verifika tal-ICAO.

(15) Għal dan l-għan, fis-17 ta' Marzu 2014 saret laqgħa bejn il-GCAA, il-Kummissjoni u l-EASA. Il-GCAA spjegaw il-kawża ewlenija tal-SSC u taw id-dettalji tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva (il-PAK) li ressqu lill-ICAO. L-informazzjoni mressqa fil-laqgħa wriet l-impenn qawwi tal-GCAA biex jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Waqt il-laqgħa, il-GCAA ddikjaraw li l-azzjonijiet kollha li kienet tlestiet parti mill-pjan ta' azzjoni korrettiva li ntbagħat lill-ICAO u li issa kienu qed jistennew li aktar tard din is-sena l-ICAO tagħmel missjoni ta' verifika.

(16) Skont l-informazzjoni li taw il-GCAA, il-Kummissjoni dehrilha li mhemmx bżonn titlob lill-GCAA biex jidhru quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru. Il-Kummissjoni rrappurtat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar l-implimentazzjoni tal-PAK li żviluppa il-GCAA.

(17) Skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u fid-dawl tal-azzjonijiet li ħadu l-GCAA, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Ġeorġja. Madankollu, jekk ir-riżultati tal-monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva min-naħa tal-GCAA, li fuqhom il-Kummissjoni se tirrapporta fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru, ma jkunux jitqiesu sodisfaċenti, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika tal-Ginea

(18) Kif inqabel fil-laqgħa li saret Brussell f'Jannar 2013, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ginea (id-DNAC) taw tagħrif regolari dwar l-implimentazzjoni li għaddejja tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva (PAK), li approvat l-ICAO f'Diċembru 2012, kif ukoll kull attività relatata miegħu.

(19) L-aħħar rapport ta' progress li wasal fis-27 ta' Frar 2014 ta dettalji dwar l-aktar attivitajiet u żviluppi riċenti dwar l-implimentazzjoni tal-PAK. Il-Liġi tal-Avjazzjoni Ċivili riveduta adottaha l-Parlament fil-5 ta' Novembru 2013 u daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2013. Għadd ta' abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni ngħaddew lill-gvern għall-adozzjoni. Mit-2 sas-6 ta' Diċembru 2013 saret missjoni konġunta tal-ICAO u l-Bank Dinji biex tivvaluta l-implimentazzjoni tal-PAK u tidentifika xi ħtiġijiet ikun għad fadal mil-lat ta' sikurezza u sigurtà. Bħalissa qed issir it-traduzzjoni għall-Franċiż tal-manwali tal-proċeduri tal-OPS, l-AIR u l-AGA u din għandha tgħin biex tgħolli l-livelli tas-sikurezza. Fl-oqsma tar-riżoluzzjoni tat-tħassib tas-sikurezza, l-approvazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet operattivi tal-AOC u s-servizzi tan-navigazzjoni fl-ajru twettqu għadd ta' azzjonijiet speċifiċi ta' taħriġ għall-ispetturi.

(20) Il-PAK ġie aġġornat sabiex jirrifletti dawn l-aħħar żviluppi u tressaq lill-ICAO permezz tal-għodda onlajn tas-CMA. Il-validazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet mill-ICAO għadha pendenti.

(21) Iċ-ċertifikati tal-operatur tal-ajru li kienu jeżistu qabel, ġew sospiżi fl-aħħar ta' Marzu 2013, u qed issir ċertifikazzjoni (f'5 fażijiet) konformi mal-ICAO ta' trasportatur tal-ajru nazzjonali (*PROBIZ Guinée* b'inġenju tal-ajru wieħed (1) tat-tip BE90) bl-għajnuna u l-appoġġ ta' missjoni CAFAC/BAGASOO speċifika, u qed isir taħriġ simultanju fuq lant tax-xogħol lill-ispetturi tad-DNAC dwar il-proċess kollu. Bħalissa l-proċess taċ-ċertifikazzjoni qed jistenna l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni mill-FAA li hi l-awtorità tal-istat għar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru. *PROBIZ Guinée* ma joperax lejn l-Unjoni.

(22) Id-DNAC kienu talbu ICVM biex jivvalidaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-PAK u l-ICAO kienet qed tippjana li twettaq dan f'Mejju 2014. Minħabba bidliet riċenti fil-ġestjoni għolja tal-Ministeru tat-Trasport inħoloq xi dewmien u l-ICVM qed titħejja għat-tieni nofs ta' Settembru 2014.

(23) Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika tal-Ginea. Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Indja

(24) Il-Kummissjoni pprovdiet lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru bid-dettalji dwar l-iżviluppi riċenti fejn tidħol is-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Indja mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan il-pajjiż. Fatt direttament rilevanti hu li skont il-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Internazzjonali (l-IASA) tal-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Federali tal-Istati Uniti (il-FAA) għaż-żjara ta' Settembru 2013, fil-31 ta' Jannar 2014 il-FAA ħabbret tnaqqis fil-kategorija ta' konformità tal-Indja minn Livell 1 għal Livell 2 minħabba nuqqasijiet li ħarġu mill-verifika.

(25) Qabel, f'Novembru 2013, il-Kummissjoni kienet tat dettalji lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti tal-Indja biex iwettqu l-obbligi tagħhom ta' sorveljanza skont l-istandards internazzjonali inkluż dak tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Saret referenza speċifika għall-Missjoni Koordinata ta' Validazzjoni tal-ICAO (l-ICVM) ta' Diċembru 2012 u l-ICVM ta' segwitu ta' Awwissu 2013. Barra minn hekk, saret referenza għall-korrispondenza li l-Kummissjoni kienet bagħtet qabel lill-awtoritajiet Indjani b'referenza għal tħassib dwar is-sikurezza. Wara l-ICVM ta' Awwissu 2013, l-ICAO formalment għalqet iż-żewġ Kwistjonijiet Sinifikanti dwar is-Sikurezza (SSCs), u dan ġie rrappurtat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru ta' Novembru 2013. Ir-rapport finali ppubblikat tal-ICVM jipprovdi dettalji dwar l-azzjonijiet korrettivi li ħa d-Direttorat Ġenerali Indjan tal-Avjazzjoni Ċivili (id-DGCA) biex issolvi l-kwistjonijiet pendenti.

(26) Wara li l-FAA ħabbret tnaqqis tal-Indja fil-klassifika tal-konformità tal-IASA kategorija, il-Kummissjoni fit-12 ta' Frar 2014 ltaqgħet mad-Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili u esprimiet it-tħassib tagħha dwar dan it-tnaqqis. Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Indjani biex jispjegaw b'mod ċar l-azzjonijiet korrettivi li kienu qed iwettqu fejn jidħol it-tnaqqis fl-IASA mill-FAA. Barra minn hekk, fil-laqgħa saret enfasi mill-ġdid fuq il-miżuri li jaf ikunu meħtieġa jittieħdu fl-awspiċji tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(27) Bħala segwitu tal-ewwel laqgħa tat-12 ta' Frar 2014, fis-17 ta' Frar 2014 id-Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili kiteb lill-Kummissjoni. Din l-ittra tat dettalji tal-azzjonijiet li ħadu d-DGCA rigward it-tnaqqis. L-informazzjoni mogħtija tat dettalji dwar azzjonijiet li ttieħdu dwar il-biċċa l-kbira tas-sejbiet, u għall-aktar oqsma ta' tħassib preżentat pjan ta' azzjoni korrettiva.

(28) Fis-6 ta' Marzu 2014 il-Kummissjoni kitbet u infurmat lid-DGCA Indjani li kienet qed tistieden konsultazzjonijiet uffiċjali mal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Indja, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006. L-ittra saħqet fuq il-ħtieġa ta' impenn kontinwu u talbet laqgħa teknika biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri ikunu jistgħu jevalwaw il-kwistjonijiet f'aktar dettall. Fit-18 ta' Marzu 2014, id-DGCA wieġbu, u indikaw li jaqblu ma' din il-laqgħa.

(29) Fid-dawl tad-dispożizzjoni tad-DGCA li jaħdmu id f'id mal-Kummissjoni u tal-valutazzjoni tal-informazzjoni li waslet s'issa, hu vvalutat, skont il-kriterji komuni, li f'dan l-istadju l-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru ma għandhiex tinbidel biex jiddaħħlu t-trasportaturi tal-ajru mill-Indja. Se jsir monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni u jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li mhumiex qed jintlaħqu l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(30) L-Istati Membri se jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lit-trasportaturi tal-ajru Indjani skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Indoneżja

(31) Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja (id-DGCA) se jissoktaw bil-għan li jikkonfermaw li d-DGCA għaddejjin b'ħidma biex jiżguraw li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fl-Indoneżja tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(32) Fl-14 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni kitbet lid-DGCA biex tikseb tagħrif aġġornat dwar trasportaturi tal-ajru li huma fis-sorveljanza tagħhom. B'ittra datata l-10 ta' Frar 2014, id-DGCA għarrfu lill-Kummissjoni li sa mill-aħħar aġġornament ġew iċċertifikati tliet trasportaturi tal-ajru ġodda. Fil-25 ta'Ottubru 2013 inħareġ AOC Nru 121-028 għal *Sky Aviation*, fl-1 ta' Novembru 2013 inħareġ AOC Nru 121-043 għal *Aviastar Mandiri* u fid-29 ta' Novembru 2013 inħareġ AOC Nru 121-058 għal *NAM Air*. Madankollu, billi d-DGCA ma tawx evidenza li tiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru hi konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, skont il-kriterji komuni, hu meqjus li dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiddaħħlu wkoll fl-Anness A.

(33) Fl-2012, id-DGCA bdew korrispondenza mal-Kummissjoni bil-għan li *PT. Citilink Indonesia* jitneħħa mill-Anness A, kif ġara lill-kumpanija prinċipali tiegħu *Garuda Indonesia*. Bħala rispons għat-tweġiba tal-Kummissjoni, it-talba ġiet segwita b'korrispondenza mingħand *Garuda Indonesia* u fl-2013 mingħand *PT. Citilink Indonesia*. Wara li lill-Kummissjoni *PT. Citilink Indonesia* ressqilha dokumentazzjoni sostanzjali dwar iċ-ċertifikazzjoni tat-trasportatur tal-ajru, fil-5 ta' Novembru 2013 saret laqgħa teknika fi Brussell. F'din il-laqgħa attendew il-Kummissjoni, l-EASA u l-Istati Membri. Fi tmiem il-laqgħa, *PT. Citilink Indonesia* intalab jagħti aktar evidenza dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza li għamlu d-DGCA lil *PT. Citilink Indonesia*. *PT. Citilink Indonesia* għadda din l-informazzjoni fl-20 ta' Frar 2014.

(34) F'ittra tal-10 ta' Frar 2014, id-DGCA taw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar it-talba tagħhom biex titneħħa l-projbizzjoni tal-operat lil *PT. Citilink Indonesia*. F'din l-ittra d-DGCA ressqu dejta dwar ir-riżorsi u l-kapaċitajiet ta' *PT. Citilink Indonesia*, ir-rekords tas-sikurezza kif ukoll evidenza tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi li wettqu d-DGCA. Skont din id-dokumentazzjoni, id-DGCA ddikjaraw li fil-fehma tagħhom *PT. Citilink Indonesia* topera b'mod sikur u skont l-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(35) Fil-25 ta' Marzu 2014, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' preżentazzjoni tad-DGCA dwar aġġornament fir-rigward tal-leġiżlazzjoni u s-sorveljanza kif ukoll informazzjoni dwar is-sorveljanza ta' *PT. Citilink Indonesia*. Wara l-preżentazzjoni tad-DGCA saret preżentazzjoni ta' *PT. Citilink Indonesia* li kien ħarġet bi pjanijiet tal-espansjoni tal-flotta u kwistjonijiet relatati mar-reklutaġġ tal-bdoti kif ukoll temi dwar il-ġestjoni tas-sikurezza.

(36) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru staqsa mistoqsijiet lid-DĠAĊ u lil *PT.Citilink Indonesia* rigward il-ġestjoni tas-sikurezza, fosthom dwar ir-riskji u l-perikli li identifika t-trasportatur tal-ajru. Skont ir-rispon li ngħata, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru wera tħassib dwar il-mod kif l-awtoritajiet, *PT. Citilink Indonesia* u trasportaturi tal-ajru oħra ċċertifikati l-Indoneżja jikkontrollaw ir-riskji assoċjati mar-rati għoljin ta' espansjoni li għandhom dawk il-kumpaniji. Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru wera tħassib ukoll dwar il-kapaċità ta' *PT. Citilink Indonesia* biex jiġbed konklużjonijiet mill-informazzjoni miġbura mis-sistema tiegħu tal-ġestjoni tas-sikurezza u li jaġixxi skonthom.

(37) Fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija u t-tħassib muri dwar il-kapaċità ta' *PT. Citilink Indonesia* biex jikkontrolla r-riskji assoċjati mat-tkabbir tat-trasportaturi, kif ukoll it-tħassib dwar il-kapaċità tat-trasportatur biex jimmaniġġja s-sikurezza, skont il-kriterji komuni, il-Kumitati għas-Sikurezza tal-Ajru ma kellux evidenza biżżejjed li *PT. Citilink Indonesia* jikkonforma bis-sħiħ mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u għalhekk ikkonkluda li għalissa t-trasportatur ma jistax jitneħħa mill-Anness A.

(38) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru jirrikonoxxu l-isforzi tad-DGCA biex ikollhom sistema tal-avjazzjoni konformi għalkollox mal-istandards tal-ICAO. Ġie nnotat li d-DGCA kellhom it-trasparenza meħtieġa u r-rieda li jaqsmu l-informazzjoni.

(39) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru jħeġġu lid-DGCA biex jagħtu attenzjoni speċifika lill-isfidi pendenti li jeżistu fl-iżvilupp ulterjuri ta' sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza u fi strateġija xierqa li ttaffi r-riskji ta' espansjoni mgħaġġla fis-settur tal-avjazzjoni fl-Indoneżja.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Kazakistan

(40) Fil-laqgħa tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru ta' Novembru 2013, ġie miftiehem li għal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat il-Kummissjoni għandha tħejji reviżjoni ta' limitazzjonijiet attwali tal-operat ta' *Air Astana*.

(41) Il-Kummissjoni bl-għajnuna tal-EASA u l-Istati Membri, fl-20 ta' Jannar 2014 iltaqgħet ma' uffiċjali tal-gvern tal-Kazakistan u ma' rappreżentanti tat-trasportatur tal-ajru *Air Astana*.

(42) F'din il-laqgħa, il-Kummissjoni tal-Avjazzjoni Ċivili (is-CAC), jiġifieri l-awtorità tal-avjazzjoni tal-Kazakistan assenjat spettur tas-sikurezza speċifikament għat-trasportatur tal-ajru *Air Astana*. Ismu u s-CV tiegħu ġew notifikati lill-Kummissjoni. Dan l-ispettur irid jieħu ħsieb is-sorveljanza tal-operatur min-naħa tal-awtorità u jżomm kuntatt sikwit mad-diretturi tal-operatur u mal-persunal tekniku u operattiv tiegħu ħalli jivvaluta t-tħaddim tal-organizzazzjoni tiegħu u l-prestazzjoni tal-persunal tiegħu meta jkunu qed jagħmlu operazzjonijiet, manutenzjoni u taħriġ. Għal kull nuqqas li jsib l-ispettur għandu minnufih jiġbed l-attenzjoni tal-operatur. Mill-inqas darbtejn fis-sena, l-ispettur għandu jibgħat rapporti lill-Kummissjoni (direttament jew minn punt fokali) bl-osservazzjonijiet tiegħu, xahrejn qabel kull laqgħa tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru jew, aktar minn hekk, meta titolbu l-Kummissjoni. F'din il-laqgħa, inħatar ukoll punt fokali fi ħdan is-CAC biex iħeffef il-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet ta'

sikurezza bejn din l-awtorità u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, fl-istess laqgħa, id-diretturi ta' *Air Astana* ftiehmu li se jibqgħu jgħarrfu lill-Kummissjoni, skont il-prattika attwali, b'kull żvilupp relatat mas-sikurezza fil-kumpanija, inkluż (iżda mhux biss) it-tiġdid fil-flotta u r-rotot ġodda lejn l-UE.

(43) Fis-7 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni u tal-EASA ltaqgħu għat-tieni darba ma' rappreżentanti tas-CAC (b'mod partikolari mal-ispettur tas-sikurezza u l-punt fokali) u mar-rappreżentanti ta' *Air Astana* biex ikomplu jiddiskutu kwistjonijiet tekniċi abbażi tat-tweġibiet preliminari li waslu mingħand il-Kazakistan fil-kwestjonarji tal-Kummissjoni. F'din l-okkażjoni, ġie miftiehem li s-CAC tressaq il-pjan ta' spezzjoni tagħha għall-2014, il-proċeduri tal-ispettur intern u status aġġornat taċ-ċertifikati tal-operatur tal-ajru maħruġa fil-pajjiż. Is-CAC intrabtet ukoll li tallinja l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' *Air Astana* mal-istandards tal-ICAO, b'mod partikolari valuri minimi tal-viżibbiltà baxxa. *Air Astana* ntalbet tagħti analiżi komprensiva tal-prestazzjoni tas-SAFA tal-operatur. Kull dokumentazzjoni mitluba ngħatat lill-Kummissjoni fi ftit żmien wara l-laqgħa.

(44) Fil-25 ta' Marzu 2014 il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' lis-CAC and lil *Air Astana*. Matul is-seduta, is-CAC tat dettalji fuq il-progress fil-qasam tal-leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni, l-infrastruttura, l-organizzazzjoni tas-CAC u t-taħriġ tal-ispetturi tas-sikurezza. *Air Astana* aġġorna lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar l-istruttura korporattiva tiegħu, il-kompożizzjoni tal-flotta, il-pjanijiet ta' żmien qasir għall-iżvilupp tas-suq u s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza.

(45) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru nnota li l-prestazzjoni attwali tas-sikurezza ta' *Air Astana* mhix ta' tħassib fejn jidħlu t-tipi ta' inġenji tal-ajru li jitħallew joperaw lejn l-Unjoni. It-trasportatur tal-ajru kapaċi jadatta għall-bidliet u teżisti sistema li tippermetti titjiriet bla periklu. Madankollu, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru ħa nota li l-awtoritajiet tal-avjazzjoni tal-Kazakistan għad għandhom sfidi serji fl-implimentazzjoni tas-sistema tal-Istat ta' sorveljanza tas-sikurezza, inkluż fejn jidħol in-nuqqas ta' spetturi kwalifikati, u bħalissa ma jistgħux jiżguraw sorveljanza kontinwa fil-qasam tal-operazzjonijiet tat-titjir u fl-ajrunavigabbiltà. L-awtoritajiet tal-Kazakistan huma mħeġġa bil-qawwa biex jibqgħu jirriformaw is-settur tal-avjazzjoni tagħhom, u biex isiru konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(46) Għalhekk, skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li jista' jitneħħa l-limitu tal-livell ta' operazzjonijiet impost fuq *Air Astana* fl-2009, filwaqt li r-restrizzjonijiet l-oħra ma jinbidlux bħalma jipprevedi l-Anness B. Skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat il-Kazakstan għandu jibqa' fl-Anness A.

(47) Il-Kummissjoni u l-EASA għandhom jibqgħu jsegwu mill-qrib is-sitwazzjoni tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fil-Kazakistan, inkluż *Air Astana*. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lill-inġenji tal-ajru ta' *Air Astana* skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

It-trasportaturi tal-ajru mil-Libanu

(48) Baqgħu jsiru konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu (l-LCAA) bil-għan li jkun konfermat li l-Libanu qed jindirizza n-nuqqasijiet li stabilixxiet l-ICAO waqt il-ICVM li saret il-Libanu mill-5 sal-11 ta' Diċembru 2012. Il-LCAA għamlu Pjan ta' Azzjoni Korrettiva u għaddejjin iwettqu dawn l-azzjonijiet, l-aktar fejn jidħol is-SSC.

(49) F'Novembru 2013 il-Kummissjoni u l-EASA rċevew l-ewwel sett ta' dokumentazzjoni mingħand l-LCAA li kien fiha l-korrispondenza bejn l-LCAA u l-ICAO relatata mas-SSC in kwistjoni, il-lista tal-verifiki u tal-ispezzjonijiet li saru fl-2013 fil-kuntest tas-SSC, il-pjan ta' verifika tas-sorveljanza tal-LCAA għat-trasportaturi tal-ajru għall-2014, u l-pjan direzzjonali tal-LCAA relatat mal-Programm għas-Sikurezza tal-Istat tal-Libanu (l-SSP). Il-Kummissjoni u l-EASA analizzaw id-dokumentazzjoni li waslet u talbu aktar tagħrif mingħand l-LCAA biex ikun jistgħu janalizzaw aktar il-korrispondenza bejn l-LCAA u l-ICAO dwar l-SSC, il-kapaċità tas-sorveljanza tal-LCAA u aktar dettalji dwar il-pjan direzzjonali tal-LCAA relatat mal-SSP.

(50) Dwar il-korrispondenza bejn l-LCAA u l-ICAO fuq ir-riżoluzzjoni tal-SSC, il-Kummissjoni u l-EASA nnotaw li l-ICAO wasslet biex l-LCAA jieħdu azzjoni pronta dwar l-SSC, u li l-validazzjoni li min-naħa tal-ICAO tal-PAK li pproponew l-LCAA kienet qed tiddewwem.

(51) Dwar id-dokumentazzjoni addizzjonali mitluba biex tiġi vvalutata l-kapaċità tas-sorveljanza tal-LCAA, id-dokumentazzjoni waslet u ġiet analizzata fejn jidħlu t-trasportaturi tal-ajru *TMA*, *Open Sky*, *Wings of Lebanon*, *Executive Aircraft Services*, *MED Airways*, *Corporate Jet* u *IBEX Air Charter*. Is-sejbiet li ħarġu bihom l-LCAA rigward dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom x'jaqsmu l-aktar ma' problemi bid-dokumentazzjoni u ż-żamma tar-rekords. Madankollu, jidher li xi oqsma tekniċi speċifiċi oħra, bħat-taħriġ tal-bdoti, ma ġewx evalwati għalkollox mill-LCAA.

(52) Dwar il-pjan direzzjonali tal-LCAA għall-SSP, l-LCAA ppreżentaw pjan, fi ħdan il-qafas tal-proġett tal-MASC (iċ-Ċellula Mediterranja tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) ħalli fis-sitt xhur li ġejjin jadottaw pjan direzzjonali regolatorju li jkun fih l-introduzzjoni ta' SSP. Il-Kummissjoni u l-EASA intrabtu li jieħdu ħsieb li jsegwu mill-qrib l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali u li jgħarrfu lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru kif jixraq.

(53) Saru iktar konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-EASA u l-LCAA, inkluż waqt laqgħa teknika li saret Brussell fis-27 ta' Frar 2014, li matulha l-LCAA taw tagħrif addizzjonali. Il-LCAA wrew li tejbu s-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru tagħhom u qed jaħdmu pass pass għal organizzazzjoni aktar indipendenti u sostenibbli. S'issa ttieħdu l-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-SSP. Deher li l-LCAA qed jużaw sew l-assistenza teknika li tawhom l-Unjoni u l-Istati Membri u qed jgħarrxu għal modi biex jivverifikaw l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu s'issa.

(54) Abbażi tas-sitwazzjoni deskritta fil-premessi 48 sa 53, se jibqgħu jsiru konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet Libaniżi skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(55) Għaldaqstant, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mil-Libanu. Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni ulterjuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mil-Libja

(56) Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Libja (l-LYCAA) se jissoktaw bil-għan li jikkonfermaw li l-Libja għaddejja b'ħidma biex tirriforma s-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili tagħha, u b'mod partikolari biex tiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Libja tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(57) Grupp ta' konsulenti żaru l-Libja bejn it-2 u s-7 ta' Frar 2014 fil-qafas tal-programm Euromed, bil-għan li lill-Kummissjoni jwasslulha l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-qagħda fattwali fil-LYCAA kif ukoll fit-trasportaturi tal-ajru *Afriqiyah Airways* u *Libyan Airlines*. L-osservazzjonijiet ewlenin kienu li l-LYCAA jidhru mgħammra sew b'persunal u uffiċini xierqa, il-proċessi tal-ħidma mhumiex effiċjenti; il-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja tas-sigurezza tal-avjazzjoni kienu dgħajfin wisq u r-regolamenti dwar is-sikurezza ma nħarġux; il-ġestjoni tas-sikurezza ma ġietx implimentata fil-livell ta' awtorità kompetenti; il-LYCAA jidhru dipendenti mill-appoġġ ta' konsulenti esterni biex jtejbu l-kapaċità tagħhom biex iwasslu riżultati aċċettabbli fi żmien qarib u mingħajr evidenza ta' sostenibbiltà għax l-effetti fuq it-tiswir tal-kapaċità huma limitati; ma kienx ċar jekk kull trasportatur tal-ajru kienx qed ikun soġġett għal ċertifikazzjoni u sorveljanza; *Libyan Airlines* kien reġa' ġie ċċertifikat f'Diċembru 2013; u fl-aħħar nett, il-konsulenti dehrilhom li kien hemm evidenza biżżejjed ta' ġestjoni xierqa tas-sikurezza mal-organizzazzjoni.

(58) Fl-4 ta' Marzu 2014 saret laqgħa bejn il-Kummissjoni, l-EASA, l-Istati Membri, rappreżentant tal-LYCAA u grupp mit-trasportatur tal-ajru *Afriqiyah Airways*. F'din il-laqgħa, *Afriqiyah Airways* ippreżenta aktar progress fejn jidħlu r-rakkomandazzjonijiet tas-sikurezza li joħorġu mir-rapport tal-inċident li sar wara d-diżgrazzja tat-12 ta' Mejju 2010. Ittieħdu bosta inizjattivi iżda xi whud għadhom fi stadji bikrin ħafna. It-trasportatur tal-ajru spjega li għamel kuntratt ma' kumpanija Irlandiża detentur ta' AOC biex tnejn mill-inġenji tal-ajru tat-tip Airbus A320 imorru f'reġistru Irlandiż bi ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ u mbagħad jerġa' jikri mingħandha bl-ekwipaġġ filwaqt li juża parzjalment ekwipaġġ ta' *Afriqiyah Airways* li jkun isegwi l-validazzjoni xierqa tal-liċenzja għal titjiriet skont il-liġi tal-Unjoni.

(59) Fit-13 ta' Marzu 2014 saret laqgħa bejn il-Kummissjoni, l-EASA, l-Istati Membri, rappreżentanti mill-LYCAA u *Libyan Airlines*. F'din il-laqgħa, il-LYCAA ippreżentaw aġġornament dwar il-kapaċitajiet tas-sorveljanza tagħhom, l-attivitajiet tas-sorveljanza tagħhom u l-attivitajiet tagħhom dwar iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportaturi tal-ajru. Barra minn hekk, il-LYCAA ippreżentaw il-progress li għamlu rigward il-ġestjoni tas-sikurezza. Abbażi ta' dan, fi tmiem il-laqgħa il-LYCAA reġgħu argumentaw favur it-tneħħija tar-restrizzjonijiet għax skonthom issa qed tintlaħaq kull kundizzjoni miftiehma. *Libyan Airlines* ma għamilx preżentazzjoni, iżda sarulu mistoqsijiet dwar il-ġestjoni tas-sikurezza. Fil-fehma tal-Kummissjoni, mir-rispons mogħti joħroġ li dan il-qasam jeħtieġlu aktar żvilupp.

(60) Fittra lill-Kummissjoni datata l-20 ta' Marzu 2014, il-LYCAA reġgħu kitbu fil-qosor l-azzjonijiet tagħhom biex isawru awtorità skont l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, kif ukoll l-azzjonijiet tagħhom biex ikunu jistgħu jispiċċaw ir-restrizzjonijiet li bħalissa jimponu fuq it-trasportaturi tal-ajru Libjani bi ftehim mal-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

(61) Madankollu, fl-istess ittra datata l-20 ta' Marzu 2014, il-LYCAA jikkonfermaw li mhux se jaġixxu waħedhom fir-rigward tar-restrizzjonijiet operattivi attwali u li "kull azzjoni li tittieħed se ssir b'koordinazzjoni mal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru".

(62) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tħeġġu bil-progress li kisbu l-LYCAA u ddikjaraw li l-iżvilupp li jmiss għandu jinbena fuq dak li kisbet it-tmexxija attwali.

(63) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru osservaw li bħalma talbu huma stess, il-LYCAA se jibqgħu jżommu r-restrizzjonijiet attwali fuq kull trasportatur tal-ajru Libjan li jtir fl-Unjoni.

(64) Għaldaqstant, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mil-Libja. Madankollu, il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru ddikjaraw li qabel ma l-LYCAA jikkunsidraw li joħorġu awtorizzazzjoni lit-trasportaturi tal-ajru tagħhom biex itiru lejn l-Unjoni, għandu jintwera għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni u tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru li l-proċess ta' riċertifikazzjoni effettivament tlesta u li ssir sorveljanza kontinwa sostenibbli skont l-istandards tal-ICAO. Sabiex jara dan, u bil-kundizzjoni li jingħataw arranġamenti xierqa ta' sikurezza, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru talab lill-Kummissjoni biex malajr kemm jista' jkun, tniedi żjara ta' valutazzjoni fuq il-post il-Libja bi grupp ta' esperti mill-EASA u mill-Istati Membri tal-UE, l-aħjar, qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat.

(65) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni ulterjuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Madagaskar

(66) It-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar* hu suġġett għal restrizzjonijiet operattivi u tniżżel fl-Anness B skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2011 ([1]). Saru konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar (l-"ACM") u ma' *Air Madagascar* bil-ħsieb li jiksbu aġġornamenti dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi.

(67) B'reazzjoni għat-talbiet ripetuti tal-ACM u t-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar* biex terġa' tivvaluta r-restrizzjonijiet operattivi imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2011, il-Kummissjoni bl-assistenza tal-EASA u esperti mill-Istati Membri, għamlet żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza fil-Madagaskar mill-10 u sat-13 ta' Frar 2014. Din iż-żjara kellha l-għan li tivverifika l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-miżuri li ħadu l-ACM u *Air Madagascar* biex jindirizzaw it-tħassib tas-sikurezza deskritt fir-Regolament imsemmi hawn fuq.

(68) Matul iż-żjara, l-ACM ma setgħux jipprovdu evidenza lit-tim ta' valutazzjoni li tkun turi l-effettività tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi, kif żviluppat u implimentat, biex ikun indirizzat in-nuqqas ta' sorveljanza xierqa tas-sikurezza tal-operazzjonijiet ta' *Air Madagascar*. It-tim innota li fil-programm ta' sorveljanza tal-attivitajiet ta' *Air Madagascar* adottat għall-2013, kienu saru biss 60 % tal-ispezzjonijiet skedati f'oqsma magħquda tal-operazzjonijiet u l-liċenzji, u inqas minn 25 % fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà. L-analiżi tal-ispezzjonijiet li għamlu l-ACM turi wkoll li s-sejbiet kienu ngħalqu abbażi tal-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva u mhux abbażi ta' verifika tal-azzjoni implimentata.

(69) Skont l-ACM, in-nuqqas ta' riżorsi kwalifikati xierqa hu l-akbar tal-kawża ewlenija li ma saritx implimentazzjoni sew ta' programm tas-sorveljanza xierqa. Dan il-punt kien diġà ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru f'Novembru 2012. Dak iż-żmien, kif jiddeskrivi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1146/2012 ([2]), l-ACM għarrfu lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru li kienu għamlu kuntratt ta' sentejn biex jiksbu assistenza teknika esterna biex isostnu l-obbligi tagħhom ta' sorveljanza tas-sikurezza. Waqt iż-żjara t-tim innota li dan il-kuntratt kien sospiż 6 xhur wara li kien daħal fis-seħħ.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2011 tad-19 ta' April 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 104, 20.4.2011, p. 10).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1146/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 333, 5.12.2012, p. 7).

(70) Meta t-tim żar lit-trasportatur tal-ajru, dan ivvaluta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi li żviluppa *Air Madagascar* b'reazzjoni għar-restrizzjonijiet operattivi li jimponi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 390/2011. It-tim ingħata evidenza li t-trasportatur tal-ajru għamel titjib fis-sistemi tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru, fid-dokumentazzjoni u fil-kontroll tal-kwalità. It-trasportatur tal-ajru kien identifika dawk is-sistemi tal-ġestjoni bħala l-akbar nuqqas bħalma ssemmi l-analiżi tal-kawżi ewlenin tar-riżultati tal-programm tas-SAFA.

(71) Il-valutazzjoni li għamel it-tim ma żvelat l-ebda sejba maġġuri fl-oqsma tal-operazzjonijiet u l-liċenzjar, filwaqt li kien hemm xi tħassib fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà, u għalhekk għad jonqos li jitjiebu l-proċessi implimentati mit-trasportatur tal-ajru. Barra minn hekk, l-għadd u n-natura tar-rakkomandazzjonijiet li t-tim kellu jagħti lil *Air Madagascar* joħorġu fid-dieher id-dipendenza tat-trasportatur tal-ajru fuq ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza li jagħmlu partijiet terzi biex ikomplu jitjiebu s-sistemi tas-sikurezza tiegħu.

(72) Sabiex jiġu indirizzati s-sejbiet li tqajmu waqt iż-żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-UE, l-ACM u *Air Madagascar* ħolqu żewġ pjanijiet ta' azzjonijiet preventivi u korrettivi differenti.

(73) Wara talba li għamlu l-ACM u *Air Madagascar* biex terġa' ssir valutazzjoni tar-restrizzjonijiet operattivi li jimponi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2011, fis-26 ta' Marzu 2014 il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru ltaqa' mal-ACM u *Air Madagascar*. F'din il-laqgħa, l-ACM u *Air Madagascar* taw dettalji dwar il-pjan ta' azzjoni korrettiva stabbilit biex jindirizza l-osservazzjonijiet li saru waqt iż-żjara fuq il-post. L-ACM iddikjaraw ukoll li l-operazzjonijiet tat-titjir ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat il-Madagaskar — ħlief *Air Madagascar* — huma ristretti għal titjiriet domestiċi. Barra minn hekk, l-unika deroga għal din ir-regola hi għal titjiriet ta' evakwazzjoni medika. Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru enfasizzaw li l-Kummissjoni għandha tkun infurmata dwar kull bidla f'din il-politika.

(74) Filwaqt li l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rrikonoxxa t-titjib li kisbu l-ACM u *Air Madagascar* fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, dan kellu jikkonkludi li abbażi tar-rapport taż-żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-UE u l-informazzjoni li taw l-ACM u *Air Madagascar* waqt is-seduta quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru, għad hemm bżonn aktar titjib xi jsir, l-aktar min-naħa tal-ACM rigward l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. Għalhekk, skont il-kriterji komuni mniżżlin fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li *Air Madagascar* għandu jibqa' fl-Anness B.

(75) L-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lill-inġenji tal-ajru tat-trasportatur tal-ajru *Air Astana* skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Islamika tal-Mawritanja

(76) Skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012, l-Istati Membri vverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lill-inġenji tal-ajru tat-trasportaturi tal-ajru liċenzjati fil-Mawritanja. L-aktar analiżi riċenti tas-SAFA tal-EASA turi li saru ħames spezzjonijiet lill-inġenji tal-ajru tal-operatur tal-ajru *Mauritania Airlines International* (il-MAI). Għalkemm l-analiżi tan-nuqqasijiet identifikati waqt dawn l-ispezzjonijiet tas-SAFA turi xi titjib, l-EASA rrakkomandat lill-istati parteċipanti biex ma jehdewx jagħmlu spezzjonijiet lil dan l-operatur. L-aktar spezzjonijiet riċenti jenfasizzaw xejra irregolari ma' għadd ta' sejbiet, inkluż fil-kategorija 3 (il-livell tas-SAFA ta' sejbiet li jaf jinfluwenzaw sew lis-sikurezza).

(77) Il-Kummissjoni u l-EASA talbu aktar tagħrif, b'mod partikolari rapporti regolari tas-sikurezza mingħand l-awtoritajiet nazzjonali tal-Mawritanja (l-ANAC) u mingħand il-MAI fir-rigward tas-segwitu tas-sikurezza. Finalment il-MAI bagħat tagħrif preliminari dwar l-implimentazzjoni u t-tħaddim tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza tiegħu.

(78) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru nnotaw li l-ANAC u l-MAI għandhom jibqgħu jtejbu l-qagħda l-aktar fejn tidħol it-trażmissjoni ta' tagħrif dwar is-sikurezza lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni indikat li se ttenni lill-Mawritanja l-importanza tal-impenji li ħadet fejn jidħlu l-pjan ta' azzjoni korrettiva tagħha, il-ħtieġa li tanalizza l-kawżi ewlenin, u l-ħtieġa li tgħaddi r-rapporti regolari li l-ANAC u l-MAI iridu jipprovdu.

(79) Skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Islamika tal-Mawritanja. Jekk ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa jew xi informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza juru li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza laħqu livell mhux aċċettabbli, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Możambik

(80) L-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik (l-IACM) irrapportaw fuq l-implimentazzjoni attwali tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva li ressqu lill-ICAO u li din approvat. L-aħħar rapport ta' progress, li wasal għand il-Kummissjoni u l-EASA fis-26 ta' Frar 2014 waqt telekonferenza, u ssostanzjat bis-sottomissjoni ta' għadd ta' dokumenti ta' appoġġ fit-13 ta' Marzu 2014, juri li l-IACM baqgħu jaħdmu biex jaġġornaw il-qafas legali li jsaħħaħ ir-rekwiżiti għar-rappurtar obbligatorju jew volontarju tal-okkorrenzi, l-investigazzjoni tal-aċċidenti u l-inċidenti, l-intercettazzjoni tal-inġenji tal-ajru, l-istabbiliment ta' programm tas-sikurezza tal-istat. Bħalissa qed issir separazzjoni bejn ir-regolatur u l-provdituri tas-servizzi, u għalhekk qed jiġu trasferiti l-attivitajiet tal-informazzjoni ajrunawtika minghand l-IACM għal għand Aeroportos de Moçambique jiġifieri l-Provditur tas-Servizzi tal-Ajrunavigazzjoni (l-"ANSP") eżistenti. Jissoktaw ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal bil-għan li tibqa' tissaħħaħ il-kapaċità tas-sorveljanza, l-aktar fl-oqsma tal-operazzjonijiet u tal-liċenzjar, in-navigazzjoni u l-ajrudromi, l-ajrunavigabbiltà, it-tfassil tar-regoli u l-infurzar, il-ftehimiet tat-trasport bl-ajru, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-komunikazzjoni, in-navigazzjoni u s-sorveljanza. Bħalissa qed issir il-validazzjoni mill-ġdid tal-liċenzji tal-persunal tas-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru kollha u se titlesta sa Ġunju 2014. Fl-2014 se jibda l-proċess taċ-ċertifikazzjoni tal-ajrudromi għall-ajruport ta' Maputo u warajh isegwi dak ta' tliet ajruporti oħra li jservu t-traffiku internazzjonali. Iċ-ċertifikazzjoni tal-ANSP se tibda f'Settembru 2014 u se tistrieħ fuq regolamenti aġġornati li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-aħħar ta' Marzu 2014.

(81) L-IACM baqgħu jindirizzaw is-sejbiet tal-USOAP miftuħa mil-lat ta' mistoqsijiet tal-protokolli assoċjati, u nħolqu u ttellgħu l-aktar regolamenti u proċeduri meħtieġa biex jappoġġjaw it-tweġibiet, permezz tal-għodda onlajn tas-CMA li għandha l-ICAO. Il-validazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet mill-ICAO għadha pendenti.

(82) Il-baġit tal-IACM għall-2014 żdied bi kważi 20 %, biex jirrifletti l-appoġġ politiku kontinwu u l-impenn li jissaħħu l-kapaċità u l-effikaċja tagħhom.

(83) L-operatur tal-ajru *Linhas Aéreas de Moçambique* (il-LAM) għadda minn diżgrazzja fid-29 ta' Novembru 2013. Wieħed mill-Embraer ERJ-190 tal-operatur li kien qed itir minn Maputo lejn Luwanda, iġġarraf fin-Namibja u miet kull min kien abbord (28 passiġġier — inklużi 6 ċittadini tal-UE — u 6 membri tal-ekwipaġġ). Il-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Inċidenti fin-Namibja ħarġet rapport preliminari dwar l-investigazzjoni tal-inċident fid-9 ta' Jannar 2014 u l-konklużjonijiet preliminari jippuntaw lejn azzjoni intenzjonali min-naħa tal-kaptan. L-aħħar rapport tal-inċident hu mistenni sal-aħħar tal-2014.

(84) L-IACM irrapportaw ukoll li t-trasportatur tal-ajru *LAM* baqa' għaddej bl-implimentazzjoni tal-fażijiet avvanzati, l-aktar il-Fażi III, tas-Sistema tal-Ġestjoni tas-Sikurezza tagħhom (l-"SMS"). Bħala reazzjoni għall-inċident, *LAM* saħħaħ il-proċeduri operattivi ħalli jiżgura li jkun hemm żewġ membri tal-ekwipaġġ fil-kabina tal-ekwipaġġ f'kull waqt u f'kull fażi tat-titjira.

(85) L-IACM talbu ICVM ħalli tivvalida l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva u l-ICAO qed tippjana li tagħmilha fil-ħarifa tal-2014.

(86) L-IACM irrapportaw ukoll li ssoktaw bil-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportaturi tal-ajru skont is-SARPs tal-ICAO u, s'issa ġew iċċertifikati mill-ġdid 13-il trasportatur tal-ajru (*LAM-Linhas Aéreas de Moçambique S.A., MEX-Moçambique Expresso SARL, ETA-Empresa de Transportes Aéreos Lda, CPY-Cropsprayers, CFM-Trabalhos e Transportes Aéreos Lda, KAY-Kaya Airlines Lda, SAM-Solenta Aviation Mozambique SA, HCP-Helicópteros Capital Lda, SAF-Safari Air Lda, CRA-CR Aviation Lda, COA-Coastal Aviation, TTA-Trabalhos e Transportes Aéreos Lda* u *OHI-Omni Helicópteros International Lda*) skont il-lista li taw l-IACM. Billi l-IACM ma setgħux jagħtu evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-13-il trasportatur tal-ajru hi żgur konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li dawn għandhom jiddaħħlu fl-Anness A.

(87) Minħabba progress inadegwat fil-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tagħhom, l-IACM issospendew l-AOCs ta' tliet trasportaturi tal-ajru (*Emilio Air Charter Lda, Aero-Serviços SARL* u *Unique Air Charter Lda*) u waqqfu l-flotot rispettivi tagħhom. Billi sospensjoni mhix definittiva, u billi l-IACM ma setgħux jagħtu evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-tliet trasportaturi tal-ajru hi żgur konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li dawn għandhom jiddaħħlu fl-Anness A.

(88) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru laqgħu il-progress sinifikanti li rrapportaw l-IACM fir-ratifika tan-nuqqasijiet li identifikat l-ICAO u ħeġġew l-isforzi tagħhom ħalli jirnexxielhom iwaqqfu sistema tal-avjazzjoni li tkun konformi għalkollox mal-istandards internazzjonali. Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru

għarfu u laqgħu it-titjib sostnut li rrapporta l-LAM fl-isforzi kontinwi tiegħu biex jadotta u jaderixxi mal-istandards internazzjoni tas-sikurezza. Minħabba l-progress sinifikanti li diġà nkiseb u l-progress ulterjuri mistenni, fl-aħħar kwart tal-2014 jaf issir missjoni ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-UE.

It-trasportaturi tal-ajru min-Nepal

(89) Wara l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1264/2013 ([1]), kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat in-Nepal iddaħħal fl-Anness A tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006.

(90) Il-Kummissjoni bl-għajnuna ta' esperti mill-EASA u l-Istati Membri, għamlet żjara n-Nepal bejn it-3 u t-8 ta' Frar 2014 biex tivvaluta aktar il-kapaċitajiet tal-awtorità kompetenti tan-Nepal (il-CAAN) u ta' għadd ta' trasportaturi tal-ajru tan-Nepal, bil-ħsieb li jinstab jekk tistax tittaffa l-projbizzjoni tal-operat. Il-valutazzjonijiet kienu jinkludu lit-trasportaturi tal-ajru *Nepal Airlines Corporation, Buddha Air, Shree Airlines, Tara Air, Yeti Airlines* u *Sita Air*.

(91) Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport lill-Kumitat għas-Sikurezza fuq din iż-żjara ta' valutazzjoni. Il-konklużjonijiet ewlenin tal-valutazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru kienu li *Buddha Air, Shree Airlines, Tara Air* u *Yeti Airlines* setgħu juru li jifhmu tajjeb kwistjonijiet ta' ġestjoni tas-sikurezza u taw evidenza li turi konformità ma' regolamenti nazzjonali tas-sikurezza, filwaqt li *Sita Air* ma setgħetx turi li kapaċi twettaq operazzjoni sikura jew ma setgħetx turi ajrunavigabbiltà kontinwa sħiħa tal-inġenju tal-ajru misjuq. Barra minn hekk, l-operatur ma implimentax għalkollox ir-rakkomandazzjonijiet tas-sikurezza li ngħataw wara inċident fatali fl-2012 jiġifieri fit-taħriġ li jagħti ma kienx qed juża simulatur.

(92) Dwar *Nepal Airlines Corporation*, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru osserva li filwaqt li l-qafas bażiku ta' ġestjoni tas-sikurezza kien fis-seħħ, l-operatur kien jeħtieġlu jistabbilixxi metodi aktar effettivi tal-promozzjoni tas-sikurezza, rappurtar aħjar, analiżi aħjar u jintrabat b'miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza biex jilħaq u jikkwantifika l-"Livell Aċċettabbli tas-Sikurezza" li wieħed fil-politika tas-sikurezza tiegħu. Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru nnota anki l-pjanijiet tal-espansjoni ambizzjuża ta' Nepal Airlines Corporation, li fihom tniżżel li f'sena l-flotta tagħha kienet se tiżdied bi tliet tipi ġodda ta' inġenji tal-ajru, u ddikjara li dawn il-pjanijiet jeħtieġ jitmexxew sew biex jinkludu r-riskji tas-sikurezza.

(93) Barra minn hekk, fis-16 ta' Frar 2014 seħħ inċident fatali li kien jinvolvi inġenju tal-ajru ta' *Nepal Airlines Corporation* u mietu t-18-il persuna abbord, fosthom ċittadin tal-Unjoni. Fit-3 ta' Marzu 2014 il-Kummissjoni kitbet lill-CAAN u talbitha tagħrif dwar l-inċident u tagħrif dwar l-azzjonijiet li ħadu l-CAAN biex fil-futur ikunu evitati inċidenti simili. Il-CAAN wieġbet b'ittra datata t-18 ta' Marzu 2014 biex tispjega l-azzjonijiet li kienet ħadet. Madankollu, l-informazzjoni ma kinitx meqjusa xierqa biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk l-azzjonijiet li ħadet il-CAAN kinux xierqa fir-rigward tal-gravità tal-aċċident.

(94) Dwar il-CAAN, il-valutazzjoni żvelat nuqqasijiet serji l-aktar fl-oqsma tal-liċenzjar u t-taħriġ tal-persunal, iċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u s-sorveljanza fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru.

(95) Fil-qasam tal-liċenzjar u t-taħriġ tal-bdoti, instab li l-awtoritajiet kompetenti ma segwewx ir-rekwiżiti tal-Anness 1 tal-ICAO l-aktar fejn jidħlu l-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet tat-taħriġ, l-għarfien teoriku, il-validazzjoni ta' liċenzji barranin u l-apparat tat-taħriġ tas-simulazzjoni tat-titjira. Għalhekk, ma setax ikun żgurat li l-bdoti kienu kwalifikati biżżejjed biex iwettqu dmirijiethom f'konformità mal-istandards applikabbli tal-ICAO.

(96) Minħabba dawn in-nuqqasijiet, ma jistax ikun żgurat li t-trasportaturi tal-ajru vvalutati, li kienu jeħtieġu ċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar mingħand il-CAAN, kienu konformi mal-istandards rilevanti tal-ICAO.

(97) F'Lulju 2013 l-ICAO wettqet ICVM li wasslet għal SSC relatata mal-operat tal-inġenji tal-ajru. L-azzjonijiet stabbiliti fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni Korrettiva li ressqu l-CAAN lill-ICAO biex isewwu n-nuqqasijiet innotati fl-SSC, ma kinux tlestew sal-iskadenza stipulata, u l-SSC baqgħet fis-seħħ. Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru nnutat ukoll li skont l-ICAO xorta kien hemm nuqqas sinifikanti ta' implimentazzjoni li jolqot il-kapaċità tal-pajjiż fl-oqsma tal-leġiżlazzjoni primarja dwar l-avjazzjoni u r-regolamenti tal-avjazzjoni ċivili, l-organizzazzjoni tal-avjazzjoni ċivili u l-liċenzjar u t-taħriġ tal-persunal.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1264/2013 tat-3 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasporaturi tal-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 326, 6.12.2013, p. 7).

(98) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru għarfu li l-CAAN għamlu xi progress minn mindu saret il-verifika tal-ICAO fl-2009, mindu saret l-ICVM tal-ICAO fl-2013 bl-introduzzjoni ta' emendi fl-Att tal-Avjazzjoni, u b'rekwiżiti ġodda u riveduti, manwali u proċeduri. Madankollu, ħafna minn dawn il-bidliet ma kinux sħaħ u għad baqagħlhom biex jiġu implimentati b'mod sostenibbli.

(99) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru għarfu d-diffikultajiet li sabu l-CAAN biex jagħmlu progress sostenibbli u ħeġġew lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu assistenza teknika. Il-Kummissjoni tenniet l-impenn tagħha li tevalwa l-possibilitajiet biex jitwessa' l-programm ta' koperazzjoni teknika li diġà jeżisti bejn il-CAAN u l-EASA.

(100) Fid-dawl tar-rapport tal-UE miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post, billi baqa' SSC tal-ICAO li għadha ma ssolvietx u billi seħħ inċident fatali ieħor minn mindu sar l-aħħar aġġornament, il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru waslu għall-konklużjoni li l-awtoritajiet kompetenti tan-Nepal mhumiex kapaċi jimplimentaw u jinfurzaw biżżejjed l-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza sa ċertu livell li jippermetti li tittaffa l-projbizzjoni tal-operat għal xi trasportaturi tal-ajru.

(101) Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mil-Jemen.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Filippini

(102) Il-Kummissjoni stiednet rappreżentanti tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Filippini (il-CAAP) u lit-trasportatur tal-ajru *Cebu Pacific Air* għal laqgħa teknika fit-28 ta' Jannar 2014 ħalli jiddiskutu l-azzjonijiet tas-sikurezza f'aktar dettall u fatturi rilevanti oħra dwar l-inċident ta' ħruġ mir-runway li sar fl-Ajruport Internazzjonali ta' Davao fit-2 ta' Ġunju 2013.

(103) Il-Kummissjoni, esperti tal-EASA u tal-Istati Membri, kif ukoll rappreżentanti anzjani mis-CAAP u *Cebu Pacific Air*, attendew din il-laqgħa.

(104) Is-CAAP tat dettalji lil *Cebu Pacific Air* dwar is-sorveljanza regolatorja. Dawn kienu jinkludu l-fatt li fl-20 ta' Ġunju 2013, il-"Bord Regolatorju u ta' Sorveljanza" tas-CAAP kiteb lill-kap eżekuttiv ta' *Cebu Pacific Air* u taf dettalji dwar l-azzjonijiet korrettivi tas-CAAP minħabba l-inċident. Fost l-azzjonijiet, l-eżekuttivi responsabbli u l-amministraturi tal-istazzjonijiet ta' *Cebu Pacific Air* kellhom iwettqu evalwazzjoni mill-ġdid li tiħaq fuq l-operazzjoni, is-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza u l-kultura korporattiva. Is-CAAP irrapportat ukoll li kienet se tieħu kampjun aleatorju tal-kapaċitajiet tal-ekwipaġġ ta' titjira waqt sitwazzjonijiet mhux tas-soltu fis-simulatur tat-titjira. Minn perspettiva organizzattiva, it-trasportatur tal-ajru tħeġġeġ jadatta l-politika tagħha dwar il-ħin tat-turnaround tal-inġenji tal-ajru, minn 30 minuta għal 45 minuta.

(105) Fl-4 ta' Ottubru 2013, it-trasportatur *Cebu Pacific Air* wieġeb l-ittra tal-20 ta' Ġunju 2013 u ta sommarju tal-azzjonijiet li kien diġà ħa. Fost dawn l-azzjonijiet, ġiet riveduta l-istruttura organizzattiva tat-trasportatur, ingħata taħriġ SMS lill-persunal kollu, inħolqu Gruppi ta' Azzjoni tas-Sikurezza (SAG) f'kull dipartiment fejn tidħol il-ġestjoni tal-operazzjonijiet u saru valutazzjonijiet aleatorji tas-simulatur fiċ-ċentru tat-taħriġ tat-trasportatur tal-ajru bejn it-3 u d-19 ta' Lulju 2013. Dan ta dettalji speċifiċi fuq it-taħriġ il-bidliet, inkluż il-programm ta' Taħriġ ta' Titjir f'Linja (il-LOFT), u fuq il-fatt li l-ekwipaġġ se jitħarreġ aħjar fis-simulatur bejn il-LOFT u kontrolli tal-profiċjenza. Dan wieġeb ukoll ir-rakkomandazzjoni organizzattiva dwar il-ħin tat-turnaround tal-inġenji tal-ajru, u ddikjara li dan se jsir 45 minuta fl-iskeda tax-xita tal-2013.

(106) Barra minn hekk, fit-2 ta' Awwissu 2013 is-CAAP kitbet lil kull trasportatur tal-ajru tal-Filippini dwar l-investigazzjoni tas-sikurezza li qed issir fuq l-inġenju tal-ajru Airbus 319/320, u ssemmi l-ħtieġa li jittieħed avviċinament mhux-ta'-preċiżjoni u t-taħriġ tidwira li t-trasportaturi tal-ajru għandhom itemmu. Fl-4 ta' Ottubru 2013 *Cebu Pacific Air* wieġeb u ddikjara l-bidliet li għamel f'dan ir-rigward.

(107) Barra minn hekk, l-Uffiċċju tal-Bord tal-Inkjesta u l-Investigazzjoni tal-Inċidenti tal-Inġenji tal-Ajru (AAIIB) tal-Filippini talab inkjesta dwar l-inċident ta' *Cebu Pacific Air* ta' ħruġ mir-runway li sar fl-Ajruport Internazzjonali ta' Davao fit-2 ta' Ġunju 2013. Fit-13 ta' Diċembru 2013, l-uffiċjal inkarigat mill-investigazzjoni avża lid-Direttur tas-Sikurezza ta' *Cebu Pacific Air* li l-investigazzjoni kienet għaddejja, filwaqt li ta biċċiet tad-dejta mill-"Abbozz tar-Rapport Finali" (DFR) u dettalji disponibbli dwar il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet indirizzati lis-CAAP u lil *Cebu Pacific Air*.

(108) Is-CAAP wettqet programm ta' sorveljanza elevat ta' *Cebu Pacific Air*. Il-programm ta' spezzjonijiet annwali minimi meħtieġa (MRAI) żied l-ispezzjonijiet ta' sorveljanza minn 34 spezzjoni skedati għall-2013 għal 62 spezzjoni b'kollox.

(109) Dwar l-inċident tat-2 ta' Ġunju 2013, *Cebu Pacific Air* niżżel fil-qosor l-azzjonijiet li ttieħdu. L-azzjonijiet jinkludu tweġibiet lis-CAAP matul l-investigazzjoni u dettalji dwar il-kontroll u s-superviżjoni tal-operazzjoni. Fost azzjonijiet oħra msemmija hemm dettalji dwar analiżi tad-dejta tat-titjiriet (FDA) u l-programm ta' mitigazzjoni ta' ħruġ mir-runway tat-trasportatur tal-ajru. Il-programm inqasam f'azzjonijiet immedjati, azzjonijiet fi żmien medju u azzjonijiet fit-tul, filwaqt li komponent ewlieni hu d-dettalji li taw dwar programm ta' appoġġ tal-Airbus. Dwar dan il-programm ta' appoġġ, saret żjara operattiva estiża, u saru FDA u osservazzjonijiet tas-simulatur u t-titjir.

(110) *Cebu Pacific Air* u s-CAAP taw ukoll dettalji dwar il-programm ta' aġġornament b'approċċ ta' Navigazzjoni taż-Żona (RNAV) li għaddej bħalissa u l-infrastruttura u l-bidliet tekniċi li diġà saru. Jidher li l-pjan għal żmien medju se jieħu post ħafna mill-għajnuniet eżistenti ta' avviċinament mhux ta' preċiżjoni bbażati fl-art, bħala komponent tal-pakkett ġenerali ta' mitigazzjoni.

(111) Is-CAAP tat ukoll ċertu dettall dwar l-introduzzjoni tal-Airbus A330 fis-servizz ta' *Cebu Pacific Air*, u indikat li t-trasportatur tal-ajru, bħala komponent tal-varjazzjoni AOC assoċjata, ingħata l-mandat li jagħmel rotta ta' 100 siegħa rotta PROVING fl-Asja fuq bażi ta' trasport bl-ajru mhux kummerċjali, qabel ma jitħalla jopera operazzjonijiet kummerċjali. *Cebu Pacific* ma ngħatax approvazzjoni għal operazzjonijiet doppji b'firxa estiża (ETOPS) mingħand is-CAAP għax għad trid issir aktar valutazzjoni u sakemm jilħaq jikseb l-esperjenza fl-operazzjoni.

(112) F'laqgħa teknika fit-28 ta' Jannar 2014, abbażi ta' mistoqsijiet dettaljati, ingħata tagħrif dwar l-istorja tal-inċidenti reċenti speċifiċi għal *Cebu Pacific Air*. Żewġ inċidenti diskussi jinkludu eskursjoni b'inġenju tal-ajru tal-ATR f'Davao fit-2 ta' Ġunju 2013 u b'Airbus 319 f'Manila fit-13 ta' Ġunju 2013. Wara d-devjazzjoni, fiż-żewġ każijiet l-inġenju tal-ajru reġa' lura fir-runway. Is-CAAP fil-preżentazzjoni tagħha tat ukoll ġabra fil-qosor ta' aċċidenti u inċidenti ta' trasportaturi tal-ajru ċċertifikati l-Filippini mill-2010 sal-2013.

(113) *Cebu Pacific Air* ta kull dettall dwar il-flotta kif ukoll pjanijiet ta' espansjoni tal-flotta u tar-rotot.

(114) Fil-laqgħa tat-28 ta' Jannar 2014 is-CAAP u *Cebu Pacific Air* aġġornaw ukoll ir-reazzjonijiet tagħhom dwar l-osservazzjonijiet li ħarġu miż-żjara ta' verifika fuq il-post li għamlet l-UE bejn it-3 u s-7 ta' Ġunju 2013.

(115) Fis-26 ta' Marzu 2014, is-CAAP u *Cebu Pacific Air* instemgħu mill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru. Is-CAAP tat dettalji dwar it-taħriġ għal għarfien tas-sorveljanza tas-Sistema tal-Ġestjoni tas-Sikurezza (SMS) li ngħata lill-ispetturi tagħha. Barra minn hekk, is-CAAP irrappurtat lill-Kumitat li kien hemm akkwist pubbliku għat-teknoloġija tal-informazzjoni (l-IT) fejn jidħlu s-sistemi tagħha tas-sorveljanza. Is-CAAP tat ħarsa ġenerali dwar il-qagħda tal-Programm għas-Sikurezza tal-Istat (SSP) tal-Filippini. Rigward is-sorveljanza tagħha ta' *Cebu Pacific Air*, bħala segwitu tal-laqgħa teknika tat-28 ta' Jannar 2014, is-CAAP enfasizzat li fis-seħħ hemm programm ta' sorveljanza akbar.

(116) Fis-seduta tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tas-26 ta' Marzu 2014, *Cebu Pacific Air* ta dettalji dwar l-istruttura organizzattiva attwali tiegħu u ġie rrappurtat li minn Jannar 2014 dan kien qed jopera 50 inġenju tal-ajru inklużi 3 ajruplani tat-tip Airbus A330. It-trasportatur tal-ajru silet parti mir-reġistru tiegħu tar-Riskji u l-Identifikazzjoni tal-Perikli, inklużi dettalji dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni li ħa, u dwar il-miri u l-għanijiet tas-sikurezza tiegħu għall-2014. *Cebu Pacific Air* irrapporta lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru li r-rata ta' rkupru fl-FDA tat-trasportatur tal-ajru kienet 94 %. It-trasportatur tal-ajru ta ħarsa ġenerali dwar is-sistema tal-valutazzjoni u tal-ġestjoni tas-sikurezza tiegħu, kif ukoll analiżi dettaljata li wettaq tad-dejta b'approċċ go-around u mhux-stabbilizzat. It-trasportatur tal-ajru ta dettalji wkoll dwar il-mentalità tar-rappurtar prevalenti f'*Cebu Pacific Air*, inkluż il-fatt li teżisti sistema ta' rappurtar kunfidenzjali. Barra minn hekk, *Cebu Pacific Air* ta dettalji dwar il-programm attwali tiegħu tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ekwipaġġ (CRM). *Cebu Pacific Air* ta dettalji lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru dwar ir-rekwiżiti tal-livell ta' esperjenza tal-bdoti mexxejja li għandu t-trasportatur tal-ajru għall-flotot tal-Airbus għal titjiriet qosra kif ukoll għal titjiriet fit-tul.

(117) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru osserva li fl-4 ta' Novembru 2013 *Philippine Airlines* reġa' beda jopera servizzi lejn l-Unjoni, wara li f'Lulju 2013 tneħħa mill-Anness A tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006. Minn mindu ssoktaw is-servizzi lejn l-Unjoni, ir-rapporti tal-ispezzjonijiet fir-rampa li saru fil-Programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin (is-"SAFA") ma jurux xejriet negattivi li jistgħu joħolqu tħassib.

(118) Fid-dawl tal-evidenza mogħtija rigward is-sorveljanza tas-CAAP ta' *Cebu Pacific Air* u l-kapaċità ta' *Cebu Pacific Air* biex jikkonforma mar-regolamenti rilevanti tas-sikurezza tal-avjazzjoni, kif ukoll fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet li taw l-Awtorità u t-trasportatur tal-ajru waqt is-seduta quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru, skont il-kriterji komuni hu vvalutat li *Cebu Pacific Air* għandu jkun eżentat mill-projbizzjoni tal-operat fuq kull trasportatur tal-ajru rreġistrat il-Filippini, u għandu jitneħħa mill-Anness A tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006.

(119) L-Istati Membri qablu li għandhom jivverifikaw il-konformità effettiva ta' *Philippine Airlines* u *Cebu Pacific Air*mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012. Jekk ir-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet, jew xi informazzjoni tas-sikurezza rilevanti oħra jkunu juru li mhumiex jintlaħqu l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Federazzjoni Russa

(120) Il-Kummissjoni, l-EASA u l-Istati Membri baqgħu jsegwu mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa u li joperaw lejn l-Unjoni, inkluż bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lit-trasportaturi tal-ajru Russi skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(121) Sabiex tikkonferma li s-sejbiet tal-ispezzjonijiet SAFA qed jiġu indirizzati kif jixraq, fl-10 ta' Marzu 2014 il-Kummissjoni bl-għajnuna tal-EASA u l-Istati Membri, iltaqgħet mal-Aġenzija Federali Russa tat-Trasport bl-Ajru (il-FATA). Għal-laqgħa ġew mistiedna wkoll rappreżentanti tat-trasportatur tal-ajru *Kogalymavia* ħalli jirrapportaw x'miżuri korrettivi ħa dan it-trasportatur tal-ajru biex itejjeb is-sikurezza tat-titjiriet minn mindu saru l-konsultazzjonijiet ta' qabel f'Novembru 2013.

(122) Fil-laqgħa, il-FATA indikat li l-aħħar riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA li saru lil trasportaturi tal-ajru Russi li joperaw lejn l-Unjoni ma taw l-ebda raġuni għal tħassib, iżda indikat li meta kellha sejbiet kbar jew ripetuti, din interveniet bi spezzjonijiet mhux skedati u kkontrollat mill-qrib it-tneħħija tas-sejbiet. Il-FATA infurmat ukoll li wara verifika komprensiva tal-uffiċċju reġjonali ta' Tatarstan u ta' kull trasportatur tal-ajru li qed jissorveljah dan l-uffiċċju, iċ-ċertifikati tal-operaturi tal-ajru *Tulpar Airlines* u *Tatarstan Airlines* ġew revokati minħabba nuqqasijiet kbar fil-ġestjoni tas-sikurezza tagħhom. Dwar *Kogalymavia*, il-FATA indikat li t-trasportatur tal-ajru kien soġġett għal bosta spezzjonijiet mhux skedati matul l-aħħar erba' xhur, u dan billi fl-2013 kellu proporzjon tas-SAFA għoli. Skont il-FATA, sal-lum it-trasportatur tal-ajru xejjen kull sejba preċedenti u kapaċi jopera titjiriet domestiċi u internazzjonali skont il-kundizzjonijiet tal-AOC tiegħu.

(123) Fil-laqgħa, *Kogalymavia* ta preżentazzjoni dwar azzjoni korrettiva li għaddejja. It-trasportatur tal-ajru rrapporta li l-prestazzjoni tas-SAFA tiegħu tjiebet għax il-proporzjon naqas għal 3.49, u li ddaħħlu tibdiliet strutturali u tekniċi importanti, fosthom bit-tnedija ta' pjan kbir għal tisbiħ intern fil-kabina; kull attività kontinwa tal-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà ngħatat b'subkuntratt lil organizzazzjoni approvata mill-EASA; bl-organizzazzjoni mill-ġdid tal-katina tal-provvista tiegħu tal-ispare-parts. it-twaqqif ta' Ċentru tal-Kontroll tal-Manutenzjoni (MCC); inbidel il-biċċa tal-kbira tal-persunal tad-Dipartiment tal-Manutenzjoni u nħatar inġinier kap ġdid bl-esperjenza xierqa.

(124) Minn informazzjoni li waslet waqt dawn il-konsultazzjonijiet, ġie konkluż li l-awtoritajiet Russi tal-avjazzjoni jew it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa m'għandhomx għalfejn jidhru quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru. Il-FATA ntalbet issaħħaħ il-monitoraġġ ta' bosta trasportaturi tal-ajru bi proporzjon tas-SAFA għoli, u tgħarraf b'dan lill-Kummissjoni. Dwar *Kogalymavia*, il-Kummissjoni indikat li, minkejja t-titjib innotat, is-sostenibbiltà tal-miżuri li ħa l-operatur għad trid tiġi validata, flimkien mal-effiċjenza tal-ġestjoni tas-sikurezza tagħha.

(125) Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Federazzjoni Russa. Madankollu, jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(126) Il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa li joperaw lejn l-Unjoni għandha tibqa' tkun soġġetta għal monitoraġġ mill-qrib. Jekk ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa, jew xi informazzjoni tas-sikurezza rilevanti oħra jkunu juru li mhumiex jintlaħqu l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mis-Sudan

(127) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru bil-parteċipazzjoni tagħha fl-avveniment tal-avjazzjoni li organizzat l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tas-Sudan (is-SCAA) fil-5 u s-6 ta Diċembru 2013 f'Khartoum. B'din il-parteċipazzjoni l-Kummissjoni setgħet tosserva li l-SCAA ġiet ristrutturata u li kellha l-appoġġ politiku biex tibqa' tinvesti fis-sikurezza. Dan l-appoġġ stqarru pubblikament il-Ministru Sudaniż responsabbli mill-avjazzjoni ċivili quddiem il-komunità lokali tal-avjazzjoni u r-rappreżentanti tal-ICAO.

(128) Lill-awtoritajiet Sudaniżi għamlu progress sew biex isiru awtorità kredibbli, b'mod partikolari b'żieda fil-baġit ħalli l-SCAA setgħet timpjega persunal speċjalizzat u tħarreġ sew il-persunal tagħha.

(129) Dan it-titjib irid jidher ukoll fit-trasportaturi tal-ajru li għandhom AOC Sudaniża. Tnejn minnhom, *Sudan Airways* u *Nova Airways*, aġġornaw l-istandards tagħhom u l-proċeduri tagħhom ġew awditjati.

(130) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru laqgħu dawn l-isforzi li qed isiru. Jaf issir missjoni ta' verifika tal-Unjoni fuq il-post meta l-SCAA jidhrilha li t-trasportaturi tal-ajru ħolqu proċeduri b'saħħithom f'konformità mal-istandards internazzjonali.

(131) Għaldaqstant, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mis-Sudan.

It-trasportaturi tal-ajru mir-Renju ta' Sważiland

(132) Wara l-verifika tal-USOAP fl-2007, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' Sważiland (l-SWACAA) talbu lill-ICAO għal kodiċi ġdid tal-pajjiż u ħassru kull reġistrazzjoni eżistenti li kienet saret fir-reġistru tagħhom. L-SWACAA neħħew ukoll kull AOC li nħareġ qabel u minħabba f'hekk bħalissa m'hemm l-ebda AOC validu fil-pajjiż.

(133) Minn mindu nħatar id-Direttur Ġenerali l-ġdid f'Diċembru 2009, l-SWACAA urew impenn ċar biex jindirizzaw is-sejbiet tal-USOAP li għamlet l-ICAO fl-2007. L-SWACAA kisbu kodiċi tal-pajjiż ġdid tal-ICAO (3DC) għar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru.

(134) Inbdiet riforma wiesgħa tal-funzjoni tas-sorveljanza kollha u diġà nkisbu żviluppi sinifikanti fosthom tlesta t-tiswir mill-ġdid tal-qafas legali, qed issir separazzjoni tar-regolatur minn mal-fornitur tas-servizzi tal-ajruport u ġew iffirmati u daħlu fis-seħħ bosta sħubijiet ma' pajjiżi ġirien.

(135) Fil-21 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni stiednet lill-SWACAA biex għal laqgħa ta' konsultazzjoni teknika fi Brussell fis-27 ta' Jannar 2014. Għalkemm għall-ewwel l-SWACAA aċċettaw l-istedina, wara biddlu l-ħsieb u talbu aktar żmien biex jikkonsolidaw iktar il-preparazzjoni tagħhom.

(136) Bejn l-10 u l-14 ta' Frar 2014 l-EASA wettqet missjoni ta' assistenza teknika. Il-missjoni kellha x'taqsam mal-għoti ta' assistenza lill-SWACAA biex isaħħu l-isforz li qed jagħmlu fit-tiswir tal-kapaċità, u biex jiggwidaw dwar kif għandhom jiġu indirizzati bl-aqwa mod l-azzjonijiet miftuħa bil-verifika tal-USOAP tal-ICAO. Filwaqt li mhux verifika, il-missjoni ta' assistenza teknika tal-EASA identifikat għadd sinifikanti ta' titjib siewi.

(137) Fis-26 ta' Marzu 2014, l-SWACAA dehru quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru. L-SWACAA għamluha ċara li bħalissa impenjati bl-implimentazzjoni tal-PAK rivedut li nqabel mal-ICAO f'Mejju 2013. B'dan il-PAK, u bl-għajnuna ta' appoġġ u impenn politiku qawwi u b'finanzjament imsaħħaħ, qed isir sforz kbir għal reklutaġġ u taħriġ tal-persunal kif jixraq. L-SWACAA kienu bbenefikaw ukoll mill-appoġġ ta' proġett tal-ICAO ta' Koperazzjoni Teknika (TCB) maħsub biex iħarreġ, jagħti appoġġ legali u organizzattiv u jsaħħaħ il-kapaċità tal-funzjoni ta' sorveljanza. Ħidmet l-esperti tal-ICAO f'dan il-proġett bħalissa tistma li n-Nuqqas ta' Implimentazzjoni Effettiva

(il-LEI) għal 40 %, b'mira ta' 35 % fi tmiem il-proġett (fl-aħħar ta' Ġunju 2014). B'aktar sforz biex jiżguraw is-sostenibbiltà lil hinn minn tmiem il-proġett, minn Lulju 2014 'il quddiem is-Swaziland se jospita lill-Organizzazzjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (is-SASO) tal-SADC (il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika). Dawn indikaw ukoll li l-inġenji tal-ajru bil-kodiċi tal-pajjiż il-qadim tal-ICAO (3D) għar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru, l-SWACAA ma jqisuhomx bħala inġenji li huma fis-sorveljanza tagħhom.

(138) L-SWACAA indirizzaw u wieġbu bosta mistoqsijiet miftuħa PQs (Mistoqsijiet tal-Protokoll) u taw evidenza ta' appoġġ, permezz tal-għodda onlajn tas-CMA tal-ICAO. Il-validazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet mill-ICAO għadha pendenti u allura l-prestazzjoni uffiċjali għadha l-istess bħall-2007, għalkemm minn dak iż-żmien 'l hawn sar titjib sinifikanti.

(139) L-SWACAA talbu ICVM f'Novembru 2014 biex issir validazzjoni tal-ICAO ta' ħafna azzjonijiet korrettivi li diġà twettqu.

(140) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru laqgħu l-impenn tas-SWACAA għall-implimentazzjoni tal-PAK rivedut, il-passi kbar li diġà għamlu, u ħeġġew l-isforzi tas-SWACAA biex jistabbilixxu sistema tal-avjazzjoni li tkun konformi għalkollox mal-istandards tal-ICAO.

(141) Billi diġà qed isir rinfurzar sinifikanti tal-funzjoni ta' sorveljanza, u billi ma jeżistux AOCs u d-domanda għal AOCs ġodda qed tiżviluppa bil-mod ħafna, skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li r-Renju tas-Swaziland għandu jitneħħa mil-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni.

(142) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru se jibqgħu jissorveljaw mill-qrib il-kapaċità tal-SWACAA biex jeżerċitaw bis-sħiħ ir-responsabbiltà tas-sorveljanza tagħhom. Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru talbu lill-SWACAA biex jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull AOC ġdid maħruġ jew mibdul. Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Jemen

(143) Ir-rapport uffiċjali dwar l-investigazzjoni tal-inċidenti rigward l-inċident tat-trasportatur tal-ajru *Yemen Airways* (*Yemenia*) li ġara fid-29 ta' Ġunju 2009 fil-Gżejjer Moroni Comoros ġie ppubblikat fil-25 ta' Ġunju 2013. Ir-rapport ta tliet rakkomandazzjonijiet ewlenin, jiġifieri li l-awtoritajiet ta' Comoros idaħħlu miżuri permanenti ta' emerġenza skont ir-riċerka u salvataġġ sussegwenti ta' inċident tal-ajru li jseħħ fil-baħar qrib il-wesgħat tal-avjazzjoni tagħha; li l-awtoritajiet tal-Jemen jiżguraw li kull ekwipaġġ li jtir lejn Moroni jkun imħarreġ sew biex jitlestew il-proċeduri tal-Manuvru Viżwali b'Rotta Preskritta (MVI); u li l-awtoritajiet tal-Jemen jirrevedu t-taħriġ tal-bdoti ta' *Yemenia*, l-aktar biex dawn ikunu kapaċi jaġixxu f'każ ta' emerġenza.

(144) Fis-7 ta' Novembru 2013, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Meteoroloġika tal-Jemen (il-CAMA) kitbet lill-Kummissjoni. Fl-ittra tat ċertu dettall dwar l-azzjonijiet tas-sikurezza li ttieħdu minħabba l-inċident. Fl-laqgħa tiegħu ta' Novembru 2013 il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru kien infurmat b'dawn l-azzjonijiet u bi żviluppi assoċjati.

(145) Fid-9 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni organizzat laqgħa teknika fi Brussell. Il-Kummissjoni, esperti tal-EASA u tal-Istati Membri, kif ukoll rappreżentanti tal-CAMA u *Yemenia*, attendew din il-laqgħa.

(146) Qabel il-laqgħa teknika, fis-17 ta' Diċembru 2013 il-Kummissjoni bagħtet mistoqsijiet speċifiċi lill-CAMA mhux biss dwar ir-rapport tal-inċident iżda anke dwar ir-responsabbiltajiet usa' tal-CAMA fejn tidħol is-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati l-Jemen. Il-Kummissjoni bagħtet ukoll sett ta' mistoqsijiet speċifiċi lill-CAMA li kellhom jingħataw lil *Yemenia*. Iż-żewġ settijiet ta' mistoqsijiet tfasslu biex jgħinu lill-Kummissjoni tivvaluta l-kwalità tar-reazzjonijiet tal-CAMA u ta' *Yemenia* għar-rakkomandazzjonijiet li ta r-rapport tal-inċident.

(147) B'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li saru lill-awtoritajiet tal-Jemen, il-CAMA spjegat li fost l-azzjonijiet kien hemm żieda fis-sorveljanza tas-sikurezza ta' *Yemenia*, fosthom b'aktar spezzjonijiet fil-kabina tal-ekwipaġġ u fil-kabina tal-bdoti u b'ordni lil *Yemenia* biex jagħmel kontrolli ta' kwalifika tal-linja tal-ajru u tal-ajruport għall-ekwipaġġ kollu li jaħdem fl-ajruporti klassifikat fil-livell "C". Fost l-azzjonijiet addizzjonali, il-CAMA tat struzzjonijiet lil *Yemenia* biex it-taħriġ dwar "irkupru minn stolljaturi u telf ta' kontroll" tagħmlu aktar spiss.

(148) B'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li saru lil *Yemenia*, it-trasportatur tal-ajru spjega li kien implimenta bidliet fil-kariga tal-Ġestjoni u ċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru, u għamel reviżjoni tal-politika u tal-proċeduri u bidliet relatati. Issemma wkoll xi titjib fl-awditjar, it-taħriġ u l-implimentazzjoni. Barra minn hekk, waqt it-taħriġ tas-simulatur rikorrenti li sar skont is-sillabu tat-taħriġ tal-Airbus, *Yemenia* saħaq mill-ġdid fuq il-proċeduri ta' emerġenza tal-ekwipaġġ tiegħu.

(149) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru ngħata aktar dettall dwar id-diskussjonijiet tekniċi li saru fil-laqgħa u ngħata sommarju tad-dokumentazzjoni li l-CAMA u *Yemenia* kienu ressqu.

(150) Skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mil-Jemen. Madankollu, se jissokta l-monitoraġġ mill-qrib tal-prestazzjoni tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat il-Jemen, inkluż *Yemenia*. Jekk ikun jidher li mhumiex jintlaħqu l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(151) L-Istati Membri se jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati l-Jemen, bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

It-trasportaturi tal-ajru miż-Żambja

